# DUN FRANS

# U L-INNU

# TA' LOURDES



Dun Frans Camilleri, li miet fl-ewwel jiem tax-xahar ta' Diċembru 1990 (6 / 12 / 90) fl-età ta' kważi 72 sena, kien l-awtur tal-kliem ta' tifħir ta' l-Innu lil Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi. Kien kitbu bejn is-16 u s-17 ta' Settembru 1947, fuq talba tas-Surmast tal-banda ta' dak iż-żmien, Maestro Carmelo Scicluna, li wara kiteb il-mużika għalih. Sena wara, l-istess Dun Frans, li kien kittieb stabbilit dak iż-żmien ħareġ ktieb bl-isem ta' "Innijiet", u fost dawna nsibu dan l-Innu lil Madonna ta' Lourdes. Dan kien wieħed mill-ftit innijiet ġodda li kienu nkitbu bil-Malti wara l-Gwerra, billi qabel, l-biċċa l-kbira ta' l-innijiet kienu bit-taljan. B'kollox, Dun Frnas kiteb 'l fuq minn 400 innu. Barra l-poeżija, Dun Frans kien dilettant kbir tal-fotografija. Kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Każin tal-Banda San Gaetano, li kien iqisu bħala t-tieni dar tiegħu. Kien ukoll Direttur Spiritwali tal-Ħamrun Spartans. Għal dan l-aħħar snin kien Rettur tal-kappella ta' Nuzzu fil-Ħamrun. Kien imxierek ma' l-Akkademja tal-Malti. Għamel ukoll snin twal membru tal-Kummissjoni Emigranti, u ukoll fil-Kumitat tal-viżitaturi tal-Ħabs. Narawh ukoll bħala membru tal-Hobbies Societies, fejn kien jeċċella f'xogħlijiet maħduma mill-bebbux. L-aħħar poeżija li aktarx kiteb qabel ma miet kien jisimha "Li kieku ma konxt Int".

Fil-kitba tal-poeżija tiegħu kollha wieħed kien jista' jara kemm Dun Frans kien jithenna u jitgħaxxaq bid-dehriet tal-ħolqien. Ftit qabel ma miet, Alla għoġbu jeħodlu l-aktar ħaġa għażiża għal bniedem: id-dawl ta'għajnejh. Sofra kollox bl-akbar rassenjazzjoni.

Aħna l-Qrendin għandna għax inkunu kburin li mill-pinna mnebbħa mill-qalb ħanina ta' dan il-qassis kbir, ħarġet damma ta' tifħir sinċier għall-"Omm Mqaddsa w Immakulata ta' Alla":

"Fik il-ħniena, Fik it-tama,  
Int il-faraġ tal-Erwieħ,  
Fih il-maħfra għal min dineb,  
Dawl u hena, u mistrieħ."

Dun Frans m'għadux aktar magħna. Iżda d-damma ta' tifħir li sawwar lill-Immakultat tibqa' tidwi ħelu f'widnejna ta' kull sena għal bosta snin oħra li għad iridu jiġu, u ismu jibqa' ħaj fostna.